# Il-Kwadru ta' L-AĦĦAR ĊENA ta' Giuseppe d'Arena (1703)

## Xogħol ta' Konservazzjoni u Restawr

minn
Godwin Cutajar
Restawratur

IL-KWADRU juri lil Ġesu' ma' l-Appostli waqt l-Aħħar Ċena. Il-kwadru tpitter fuq xkora li, minn dak li jidher fil-wiċċ, hi magħmula minn ħames biċċiet meħjutin flimkien. Dan is-support hu ta' ħxuna medja u b'nisġa kemmxejn magħluqa. Il-kwadru hu 323.6 cm għoli u 216.6 cm wiesa'. Għal kwadru daqshekk kbir, is-support hu forsi xi ftit dgħajjef.

Fuq din l-ixkora ingħata strat, imsejjaħ *preparatorju*. Dan biex l-ixkora tkun tista' tilqa' aħjar iż-żebgħa fuqha. Fil-każ tagħna, dan l-istrat hu ta' ħxuna medja, u ta' lewn kannella ċar, ħaġa komuni ħafna fit-teknika pittorika ta' dak iż-żmien.

Iż-żebgħa li biha tpitter il-kwadru hi, milli jidher, dik taż-żejt. Il-ħxuna taż-żebgħa tvarja minn medja għal ħoxna, l-aktar fil-partijiet ċari fejn l-aktar jaqa' dawl.

**Stat ta' Konservazzjoni**

L-istat strutturali tal-kwadru ma kienx ħażin. It-tilar robust għadu f'saħħtu u l-funzjoni tiegħu, li jġorr il-pittura, għadu jaqdiha sewwa.

L-ixkora oriġinali wkoll għadha fi stat tajjeb ta' konservazzjoni. Dan, grazzi wkoll, għall-fatt illi l-kwadru f'intervent preċedenti ta' konservazzjoni kien ġie mwaħħal fuq xkora ġdida, li tat tensjoni u saħħa meħtieġa lill-ixkora oriġinali.

Għajr għal xi żoni żgħar ta' żebgħa li kienu jiċċaqalqu jew waqgħu ġa, l-istat strutturali taż-żebgħa u l-preparazzjoni hu ġeneralment tajjeb.

Iż-żebgħa turi krettaturi forma ta' skudella miftuħa ħafna, filwaqt li l-parti ta' fuq tal-kwadru turi qsim vertikali, li forsi ġie minn xi moviment ta' l-ixkora oriġinali, meta kienet qed titwaħħal l-ixkora l-ġdida magħha f'intervent preċedenti ta' konservazzjoni.

Problemi estetiċi tal-kwadru kienu jikkonsistu fil-preżenza ta' varniċ qadim li kien sfar ħafna, taqtir ta' xema', u rtokki qodma minn restawr preċedenti: dan kollu kien qiegħed parzjalment jostor dak li hu awtentiku fil-kwadru.

**Interventi Preċedenti**

Il-kwadru kien ġie mwaħħal fuq xkora ħoxna u robusta b'nisġa magħluqa, magħmula minn żewġ xkejjer meħjuta flimkien.

F'xi partijiet, iż-żebgħa kienet waqgħet, u l-kwadru kien ġie stukkat. Fuq dan il-kwadru kien hemm żewġ tipi ta' stokk, wieħed ta' lewn abjad u ieħor ta' lewn aħdar żebbuġa. Dan jista' jindika li l-kwadru kellu nterventi ta' konservazzjoni u restawr f'żewġ okkażjonijiet differenti.

Fuq it-tila, in-naħa ta' wara, hemm miktub bil-lapes *Restaurato 1930*.

**Intervent ta' Konservazzjoni u Restawr**

Fil-parti strutturali, it-tilar u l-ixkora l-ġdida li kien twaħħal fuqhom il-kwadru tħallew, għax kienu għadhom jaqdu tajjeb il-funzjoni tagħhom.

Tħallew ukoll il-krettaturi msemmija qabel, mhux biss għax ma jtellfux mil-lettura ġenerali ta' din l-opra ta' l-arti, iżda wkoll għax huma xhieda tal-mogħdija taż-żmien minn fuq dan il-kwadru.

Xi rqajja' żgħar ta' żebgħa li kienu ser jaqgħu ġew imwaħħla tajjeb.

Wara, dan il-kwadru tfarfar biex tneħħa t-trab mill-wiċċ. Inbdiet it-tħejjija tal-varniċ u elementi oħra estraneji għall-materja oriġinali tal-kwadru. Dan sar b'mezzi kimiċi u mekkaniċi.

Xi rqajja' żgħar ta' żebgħa nieqsa ġew mimlija bl-istokk u wara sar l-irtokk. Fejn l-aktar li kien jagħti fil-għajn, brix superfiċjali fiż-żebgħa ġie rtukkat ukoll biex hekk il-lettura ta' dan il-kwadru tkun aktar magħquda.

Prosit lill-Kapitlu Katidrali u lill-Arċipriet Mons. Joe Vella Gauci għall-inizjattiva li jirrestawraw dan il-kwadru, inizjattiva ambizzjuża ta' siwi reliġjuż u kulturali.

**Profil qasir dwar ir-Restawratur**

Godwin Cutajar studja l-konservazzjoni u r-restawr fl-iskola Restauro Roma, dak iż-żmien immexxija minn Dott. Colalucci, kap restawratur tal-Kappella Sistina, u fl-Istituto Centrale del Restauro, f'Ruma.

Fi ftit aktar minn ħames snin, temm b'suċċess fost l-oħrajn, żewġ korsijiet fil-qasam tal-konservazzjoni u r-restawr ta' l-opri ta' l-arti. Barra t-teorija, il-korsijiet kienu jinkludu xogħol prattiku fuq pittura, fost dawn l-affreski ta' Masolino u Masaccio ġo San Clementi f' Ruma, u dawk ta' Giotto fil-kappella ta' l-Iskrovenji ġo Padova.

Wessa' l-istudji tiegħu billi attenda *evening classes* fid-disinn, u visti frekwenti f'laboratorji ta' konservazzjoni u restawr, fosthom dak tan-*National Gallery* ta' Londra.



*Godwin Cutajar waqt ir-restawr ta' l-Aħħar Ċena.*

Għamel wkoll sitt xhur kors fil-konservazzjoni u r-restawr tal-ġebla, u waqt it-taħriġ prattiku ħadem fuq l-Arco di Costantino u l-Panteon.

Lura pajjiżu, Godwin ħadem l-iktar fuq pittura, kemm minn kollezzjonijiet privati, kif ukoll ġo knejjes.